MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 261/2011

Il-Pulizija

[Spettur Anthony Portelli]

Vs

Omissis

Henry Grogan

Illum 10 ta' Lulju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Henry Grogan u omissis, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Gewwa Attard nhar l-20 ta' Settembru 2010, f'xi hin wara nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' generator u zewg cilindri tal-gas minn go kamra f'ghalqa fi Triq San Tumas, Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li jeccedi

€232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37, u dan sar ghad-detriment ta' Nicola Schembri u/jew persuni ohra;

Lill Henry Grogan wahdu talli nhar l-20 ta' Settembru 2010, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe' laqa' ghandu generator u zewg cilindri tal-gas, liema oggetti huma propjeta' ta' l-imsemmi Nicola Schembri u/jew persuni ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-06 ta' Gunju, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w b'mod partikolari l-Artikoli 261 (b) u (c), 263, 267, 278, 279, 280 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti iddikjarat li ssib lill-imputat HENRY GROGAN hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni mressqa kontra tieghu, u tikkundannatu multa ta' sitt mitt Ewro (€600) u iddikjarat li ma ssibux hati tal-akkuza ta' serq aggravat u tilliberah minnha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Henry Grogan pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Gunju, 2011 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassar is-sentenza u tiddikjarah mhux hati u tillbierah skond il-ligi. Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax tirriforma fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar xierqa u ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Henry Grogan illi huma is-segwenti :

a. Illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat qed jishaq fuq l-innocenza tieghu u dan bhal ma ghamel tul il-kaz kollu.
b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost filwaqt li l-akkuzat l-iehor ammetta l-akkuzi ghax kellu l-intenzjoni biex jaghmel l-att, naturalment dan l-istess akkuzat ma qadtx jixhed il-fatt li hu kien il-prencimes ta' dan l-inkwiet u li inqeda bl-akkuzat fejn dahaq bih u l-akkuzat kien biss mitlub biex jghin sempliciment ghax gie mgharraf minn l-iehor li l-oggetti kienu tieghu.
c. Illi l-akkuzat l-iehor Barry Grant kien xehed li l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn mas-suggett u lid an ta' l-ahhar letteralment kien innocent fuq is-suggett. Illi fil-fatt anki meta kienu gew il-pulizija fuqhom, l-imputat kien fil-karozza li

kien qed isuq sempliciment ghax kien gie mitlub jaghmel pjacir lil Barry Grant.

d. Illi jigi osservat li fil-fatt ix-xhieda taz-zewg ufficjali tal-pulizija kienu xehdu b'mod kontradittorju liema xhieda timmerita konsiderazzjoni minhabba l-inkonsistenza taghha bejn iz-zewg xheda principali tal-prosekuzjonji.

e. Illi din apparti, jigi osservat li t-tieni pulizija, li wara kollox kien prezenti, ammetta li l-imputat kien qal li hu kien biss wassal l-akkuzat l-iehor u xejn iktar fejn l-ieohr kien qallu li l-oggetti kienu tieghu u b'hekk kien qed jaghmillu biss pjacir.

f. Illi l-istess imputat kien xehed volontarjament ghax filwaqt li qed jishaq fuq l-innocenza tieghu, hub l-ebda mod ma kellu involvement fil-hsieb u l-intenzjoni ta' l-akkuzat l-iehor u li jekk kien hemm reat, hu kien gie wzat ad insaputa tieghu bil-konsegwenzi odjerni. Illi jekk l-imputat l-iehor iqis li l-fedina tieghu hija xi haga rhisa l-esponent jidhirlu b'mod iehor iktar u iktar meta kien qed jaghmel biss pjacir lill-imputat l-iehor li fil-fatt dahak bih. Illi s-stiwazzjoni kienet spiccat tali li Grant litteralment pogga l-imputat f'sitwazzjoni inaccettabbli fejn qed jigi akkuzat ta' haga meta hu stess kien gie svijat mill-akkuzat/kundannat l-iehor.

g. Illi s-sitwazzjoni hija aggravate mill-fatt li filwaqt l-imputat/akkuzat l-iehor Barry Grant kien wheel sentenza sospiza l-esponent kien wheel multa ta' €600 ingustament ghal haga li m'ghamilx! Illi l-imputat m'ghandux jigi penalizzat semplicement ghax iddefenda lilu nnifsu fuq haga li m'ghamilx. Illi filwaqt hu ammess li l-imputat hu tip twajjeb it-tjubija tieghu giet sfruttata bil-konsegwenzi odjerni, liema haga dina l-onorabbli Qorti qed tigi mitluba tehodha inkonsiderazzjoni.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fl-ghoxrin (20) ta' Settembru tal-elfejn u ghaxra (2010) ghal haba tat-tlieta u nofs ta' waranofsinhar (3.30 p.m.) kien hemm rapport fejn PC 719 David Sant u PC 1313 Jeffrey Abela waqt li kienu fuq ronda ghaddejjin minn Hal Qormi arrestaw zewg persuni li wiehed minnhom kien l-appellant Henry Grogan. Dawn il-persuni kienu bil-vettura ta' ghamla Maruti bin-numru HAS 623 u hemmhekk instab generator u zewg cilindri tal-gass li kienu gew misruqa minn go kamra f'ghalqa fi Triq San Tumas, H'Attard ghad-detriment ta' Nikola Schembri u persuni ohra. Ghalhekk Henry Grogan u t-terza persuna tressqu l-Qorti biex iwiegbu ghal akkuza in konnessjoni ma' dan is-serq u b'sentenza tas-sitta (6) ta' Gunju elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant Henry Grogan hati ta' ricettazzjoni u ikkundannatu ghall-multa ta' sitt mitt ewro (€ 600).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu li kellu jigi liberat minn dawn l-akkuzi ghas-semplici fatt illi huwa kien fil-karozza mal-persuna l-ohra ghax gie mitlub jaghmel pjacir minnu. Di più t-terza persuna Barry Grant refa' responsabiltà totali ta' dan l-akkadut u qal illi Henry Grogan ma kellux x'jaqsam. B'dikjarazzjoni daqshekk skjetta l-ewwel Qorti jmissha illiberat lill-appellant.

Ikkunsidrat:

Fl-istqarrija tieghu (fol 33) l-appellant jghid illi huwa ltaqa' ma' Barry Grant meta ghadda ghalih fid-dar tieghu l-Hamrun u minn hemmhekk marru Hal Qormi, San Bastjan, imbaghad f'ghalqa f'H'Attard u waqfu hdejn razzett. Barry nizel mill-karozza u qabez ic-cint. Ftit wara gab generator minn fuq ic-cint u wara li rega' qabez ic-cint dahhal il-generator u zewg cilindri tal-gass fil-karozza. Meta dahal fil-karozza Grant qallu illi dawk kienu ta' persuna illi qieghed ma' ommu u qallu biex imorru Haz-Zebbug u Hal Qormi biex forsi jinbieghu. Mistoqsi kienx jaf illi dawk l-oggetti kienu misruqa l-appellant irrisponda billi jghid "issuspettajt u bsart, però ma qallix illi kienu nsterqu". Grant qallu biss illi riedu jbieghuhom.

Ikkunsidrat:

Illi huwa veru illi s-suspett wahdu mhuwiex bizzejjed biex dak li jkun jinstab hati tar-reat ta' ricettazzjoni. Però jinghad ukoll illi Grant gab dawn l-oggetti f'cirkostanzi mhux normali fejn kellu jaqbez cint, jidhol go fond u johroghom b'mod irregolari minn fuq ic-cint stess. Kif qalet il-kawza Il-Pulizija versus George Schembri, appell 30 ta' April 1992, "min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza huwa hati ta' ricitazzjoni (Kollazz. Vol. XLV.I.V.1032)." F'dan il-kaz irrizulta illi l-appellant mhux talli ma ghamel l-ebda verifika jew xi domanda rigward il-provenjenza ta' dawk l-oggetti izda ghen lil siehbu sabiex igorr dawk l-oggetti fil-karozza tal-istess appellant u jipprova jbieghuhom. F'dawn ic-cirkostanzi jisher ovvju illi l-appellant kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza. Ghalhekk l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment

tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------